Parlament Ewropew
2019-2024

Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel

2022/0432(COD)

16.5.2023

EMENDI
296 - 329

Abbozz ta' rapport
Maria Spyraki
(PE745.493v01-00)

Proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-klassifikazzjoni, l-ittikkettar u l-imballaġġ tas-sustanzi u t-taħlitiet

Proposta għal regolament
(COM(2022)0748 – C9-0433/2022 – 2022/0432(COD))

Emenda 296
Jutta Paulus

Proposta għal regolament
Anness I – paragrafu 1 – punt 1
Regolament (KE) Nru 1272/2008
Anness I – Parti 1 – punt 1.1.1.3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1.1.1.3. Determinazzjoni tal-piż tal-evidenza tfisser li l-informazzjoni kollha disponibbli li tinfluwenza d-determinazzjoni tal-periklu titqies flimkien, bħar-riżultati ta' testijiet in vitro adattati, data rilevanti tal-annimali, esperjenza umana bħal data okkupazzjonali u data minn bażijiet tad-data dwar l-aċċidenti, studji epidemjoloġiċi u kliniċi u rapporti ta' każijiet u osservazzjonijiet iddokumentati sew. Għas-sustanzi, jiġu kkunsidrati wkoll l-informazzjoni mill-applikazzjoni tal-approċċ tal-kategorija (raggruppament, read-across) u r-riżultati tal-(Q)SAR. Il-kwalità u l-konsistenza tad-data għandhom jingħataw influwenza xierqa. Għandha tiġi kkunsidrata, kif xieraq, l-informazzjoni dwar is-sustanzi relatati mas-sustanza li tkun qed tiġi kklassifikata. L-informazzjoni dwar is-sustanzi jew it-taħlitiet relatati mat-taħlita li tkun qed tiġi kklassifikata għandha tiġi kkunsidrata f'konformità mal-Artikolu 9(4). Għandhom jiġu kkunsidrati wkoll l-informazzjoni dwar is-sit tal-azzjoni u r-riżultati tal-istudju dwar il-mekkaniżmu jew il-mod ta' azzjoni. Kemm ir-riżultati pożittivi kif ukoll dawk negattivi għandhom jingħabru flimkien f'determinazzjoni waħda tal-piż tal-evidenza.	1.1.1.3. Determinazzjoni tal-piż tal-evidenza tfisser li l-informazzjoni kollha disponibbli li tinfluwenza d-determinazzjoni tal-periklu titqies flimkien, bħar-riżultati ta' testijiet in vitro adattati***, ir-riżultati tal-mudelli adegwati ta' embrijuni mhux mammiferi bħall-elewteroembrijuni akkwatiċi kif ukoll speċijiet invertebrati***, data rilevanti tal-annimali, esperjenza umana bħal data okkupazzjonali u data minn bażijiet tad-data dwar l-aċċidenti, studji epidemjoloġiċi u kliniċi u rapporti ta' każijiet u osservazzjonijiet iddokumentati sew. Għas-sustanzi, jiġu kkunsidrati wkoll l-informazzjoni mill-applikazzjoni tal-approċċ tal-kategorija (raggruppament, read-across) u r-riżultati ***omiċi u bbażati fuq il-metodi (Q)SAR***. Il-kwalità u l-konsistenza tad-data għandhom jingħataw influwenza xierqa. Għandha tiġi kkunsidrata, kif xieraq, l-informazzjoni dwar is-sustanzi relatati mas-sustanza li tkun qed tiġi kklassifikata. L-informazzjoni dwar is-sustanzi jew it-taħlitiet relatati mat-taħlita li tkun qed tiġi kklassifikata għandha tiġi kkunsidrata f'konformità mal-Artikolu 9(4). Għandhom jiġu kkunsidrati wkoll l-informazzjoni dwar is-sit tal-azzjoni u r-riżultati tal-istudju dwar il-mekkaniżmu jew il-mod ta' azzjoni. Kemm ir-riżultati pożittivi kif ukoll dawk negattivi għandhom jingħabru flimkien f'massa unika ta' determinazzjoni ta' l-evidenza;

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-ittestjar relatat mal-proprjetajiet endokrinali se joħloq il-bżonn ta' aktar testijiet. Huwa

għalhekk importanti li jintużaw, meta jkunu adegwati, metodi alternattivi, pereżempju l-użu tal-mudelli ta' embrijuni mhux mammiferi jew tal-ispeċijiet invertebrati kif ukoll ix-xjenzi omiċi.

Emenda 297
Pietro Fiocchi

Proposta għal regolament
Anness I – paragrafu 1 – punt 2
Regolament (KE) Nru 1272/2008
Anness I – Parti 1 – punt 1.2.1.4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Id-dimensjonijiet tat-tikketta u ta' kull pittogramma***, u d-daqs tat-tipa tal-ittri*** għandhom ikunu kif ġej:	Id-dimensjonijiet tat-tikketta u ta' kull pittogramma għandhom ikunu kif ġej: *(Din il-modifika tapplika għat-test leġiżlattiv kollu li qed jiġi eżaminat; l-adozzjoni tal-emenda tirrikjedi adattamenti tekniċi fit-test kollu.)*

Or. en

(Anness I, 1.2.1.4)

Ġustifikazzjoni

As noted in the ECHA Guidance on labelling and packaging in accordance with Regulation (EC) No 1272/2008 Version 4.2 March 2021 – "Readability is determined by the combination of font size, letter spacing, spacing between lines, stroke width, type colour, typeface, width-height ratio of the letters, the surface of the material and significant contrast between the print and the background. "Overly prescriptive additional requirements regarding font size, distance between two lines and background colour are not justified and severely limit the flexibility of suppliers It is sufficient if the label or fold-out label is easily readable and clearly stand out from the background. In fact, the additional requirements would hinder the free movement of products in the Single Market, which in turn would entail an adjustment of logistics.

Emenda 298
Pietro Fiocchi

Proposta għal regolament
Anness I – paragrafu 1 – punt 2
Regolament (KE) Nru 1272/2008
Anness I – Parti 1 – Taqsima 1.2.1.4. – Tabella 1.3 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Dimensjonijiet minimi tat-tikketti**,** tal-pittogrammi ***u tad-daqs tat-tipa***	Id-dimensjonijiet minimi tat-tikketti ***u*** tal-pittogrammi *(Din il-modifika tapplika għat-test leġiżlattiv kollu li qed jiġi eżaminat; l-adozzjoni tal-emenda tirrikjedi adattamenti tekniċi fit-test kollu.)*

Or. en

(Anness I, 1.2.1.4)

Ġustifikazzjoni

Kif jissemma fil-Gwida tal-ECHA dwar l-ittikkettar u l-imballaġġ skont ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 Verżjoni 4.2 Marzu 2021 – "Il-leġġibbiltà hija ddeterminata mit-taħlita ta' daqs tat-tipa, ta' spazji bejn l-ittri, ta' spazji bejn il-linji, tal-wisgħa tal-istroke, ta' kulur tat-tip, tal-istil tat-tipa, tal-proprozjon bejn il-wisgħa u l-għoli tal-ittri, tal-wiċċ tal-materjal u tal-kuntrast sinifikanti bejn il-prodott stampat u l-isfond."

Emenda 299
Pietro Fiocchi

Proposta għal regolament
Anness I – paragrafu 1 – punt 2
Regolament (UE) Nru 1272/2008
Anness I – Parti 1 – Taqsima 1.2.1.4. – Tabella 1.3

Test propost mill-Kummissjoni

Kapaċità tal-pakkett	Dimensjonijiet tat-tikketta (f'millimetri) għall-informazzjoni meħtieġa mill-Artikolu 17	Dimensjonijiet ta' kull pittogramma (f'millimetri)	***Daqs minimu tat-tipa***
Mhux aktar minn tliet litri:	Jekk possibbli, mill-inqas 52x74	Mhux iżgħar minn 10x10 Jekk possibbli, mill-inqas 16x16	***8pt***
Aktar minn tliet litri, iżda mhux aktar minn 50 litru:	Mill-inqas 74x105	Mill-inqas 23x23	***12pt***
Aktar minn 50 litru, iżda	Mill-inqas 105x148	Mill-inqas 32x32	***16pt***

mhux aktar minn 500 litru:			
Aktar minn 500 litru:	Mill-inqas 148x210	Mill-inqas 46x46	***20pt";***

Amendment

Kapaċità tal-pakkett	Dimensjonijiet tat-tikketta (f'millimetri) għall-informazzjoni meħtieġa mill-Artikolu 17	Dimensjonijiet ta' kull pittogramma (f'millimetri)	
Mhux aktar minn tliet litri:	Jekk possibbli, mill-inqas 52x74	Mhux iżgħar minn 10x10 Jekk possibbli, mill-inqas 16x16	
Aktar minn tliet litri, iżda mhux aktar minn 50 litru:	Mill-inqas 74x105	Mill-inqas 23x23	
Aktar minn 50 litru, iżda mhux aktar minn 500 litru:	Mill-inqas 105x148	Mill-inqas 32x32	
Aktar minn 500 litru:	Mill-inqas 148x210	Mill-inqas 46x46	

Or. en

Ġustifikazzjoni

As noted in the ECHA Guidance on labelling and packaging in accordance with Regulation (EC) No 1272/2008 Version 4.2 March 2021 – "Readability is determined by the combination of font size, letter spacing, spacing between lines, stroke width, type colour, typeface, width-height ratio of the letters, the surface of the material and significant contrast between the print and the background." Overly prescriptive additional requirements regarding font size, distance between two lines and background colour are not justified and severely limit the flexibility of suppliers It is sufficient if the label or foldout label is easily readable and clearly stand out from the background. In fact, the additional requirements would hinder the free movement of products in the Single Market, which in turn would entail an adjustment of logistics.

Emenda 300
Danilo Oscar Lancini, Maria Veronica Rossi, Aurélia Beigneux, Elisabetta De Blasis, Rosanna Conte

Proposta għal regolament
Anness I – paragrafu 1 – punt 2
Regolament (UE) Nru 1272/2008
Anness I – Parti 1 – Taqsima 1.2.1.4. – Tabella 1.3

Test propost mill-Kummissjoni

Kapaċità tal-pakkett	Dimensjonijiet tat-tikketta (f'millimetri) għall-informazzjoni meħtieġa mill-Artikolu 17	Dimensjonijiet ta' kull pittogramma (f'millimetri)	***Daqs minimu tat-tipa***
Mhux aktar minn tliet litri:	Jekk possibbli, mill-inqas 52x74	Mhux iżgħar minn 10x10 Jekk possibbli, mill-inqas 16x16	***8pt***
Aktar minn tliet litri, iżda mhux aktar minn 50 litru:	Mill-inqas 74x105	Mill-inqas 23x23	***12pt***
Aktar minn 50 litru, iżda mhux aktar minn 500 litru:	Mill-inqas 105x148	Mill-inqas 32x32	***16pt***
Aktar minn 500 litru:	Mill-inqas 148x210	Mill-inqas 46x46	***20pt";***

Amendment

Kapaċità tal-pakkett	Dimensjonijiet tat-tikketta (f'millimetri) għall-informazzjoni meħtieġa mill-Artikolu 17	Dimensjonijiet ta' kull pittogramma (f'millimetri)
Mhux aktar minn tliet litri:	Jekk possibbli, mill-inqas 52x74	Mhux iżgħar minn 10x10 Jekk possibbli, mill-inqas 16x16
Aktar minn tliet litri, iżda mhux aktar minn	Mill-inqas 74x105	Mill-inqas 23x23

50 litru:		
Aktar minn 50 litru, iżda mhux aktar minn 500 litru:	Mill-inqas 105x148	Mill-inqas 32x32
Aktar minn 500 litru:	Mill-inqas 148x210	Mill-inqas 46x46

Or. en

Emenda 301
Danilo Oscar Lancini, Silvia Sardone, Matteo Adinolfi, Rosanna Conte, Gianantonio Da Re, Gianna Gancia, Maria Veronica Rossi, Aurélia Beigneux, Elisabetta De Blasis

Proposta għal regolament
Anness I – paragrafu 1 – punt 3
Regolament (UE) Nru 1272/2008
Anness I – Parti 1 – Taqsima 1.2.1.5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1.2.1.5. It-test fuq it-tikketta għandu jkollu l-karatteristiċi li ġejjin:	***imħassar***
(a) l-isfond tat-tikketta għandu jkun abjad;	
(b) id-distanza bejn żewġ linji għandha tkun ugwali għal jew aktar minn 120 % tad-daqs tat-tipa;	
(c) għandha tintuża tipa waħda li tkun tista' tinqara faċilment u mingħajr serifs;	
(d) l-ispazjar tal-ittri għandu jkun xieraq sabiex it-tipa magħżula tkun tista' tinqara b'mod komdu.	
Għat-tikkettar tal-imballaġġ ta' ġewwa fejn il-kontenut ma jaqbiżx l-10 ml, id-daqs tat-tipa jista' jkun iżgħar minn dak indikat fit-Tabella 1.3, sakemm ikun jista' jibqa' jinqara minn persuna b'vista medja, fejn jitqies li huwa importanti li titqiegħed id-dikjarazzjoni tal-aktar periklu kritiku u fejn l-imballaġġ ta'	

barra jissodisfa r-rekwiżiti tal-Artikolu 17.

(Din il-modifika tapplika għat-test leġiżlattiv kollu li qed jiġi eżaminat; l-adozzjoni tal-emenda tirrikjedi adattamenti tekniċi fit-test kollu.)

Or. en

Emenda 302
Pietro Fiocchi

Proposta għal regolament
Anness I – paragrafu 1 – punt 3
Regolament (KE) Nru 1272/2008
Anness I – Parti 1 – punt 2 – Taqsima 1.2.1.5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1.2.1.5. It-test fuq it-tikketta għandu jkollu l-karatteristiċi li ġejjin:	***imħassar***
(a) l-isfond tat-tikketta għandu jkun abjad;	
(b) id-distanza bejn żewġ linji għandha tkun ugwali għal jew aktar minn 120 % tad-daqs tat-tipa;	
(c) għandha tintuża tipa waħda li tkun tista' tinqara faċilment u mingħajr serifs;	
(d) l-ispazjar tal-ittri għandu jkun xieraq sabiex it-tipa magħżula tkun tista' tinqara b'mod komdu.	
Għat-tikkettar tal-imballaġġ ta' ġewwa fejn il-kontenut ma jaqbiżx l-10 ml, id-daqs tat-tipa jista' jkun iżgħar minn dak indikat fit-Tabella 1.3, sakemm ikun jista' jibqa' jinqara minn persuna b'vista medja, fejn jitqies li huwa importanti li titqiegħed id-dikjarazzjoni tal-aktar periklu kritiku u fejn l-imballaġġ ta' barra jissodisfa r-rekwiżiti tal-Artikolu 17.	

(Din il-modifika tapplika għat-test leġiżlattiv kollu li qed jiġi eżaminat; l-adozzjoni tal-emenda tirrikjedi adattamenti tekniċi fit-test kollu.)

Or. en

Ġustifikazzjoni

Mhuwiex opportun li jiġu stabbiliti regoli rigoruż i għall-format tat-tiketti, inkwantu d-dispożizzjonijiet attwali msemmijin fl-Artikolu 31(3) tar-Regolament CLP u l-Anness I – parti I – punt 2 – Taqsima 1.2.1.4 – tabella 1.3 tiegħu, huma biżżejjed biex ikunu garantiti l-leġġibbiltà korretta u l-flessibbiltà tal-elementi testwali fit-tikketta. Bil-għan li jitjieb l-ifformattjar tat-tikketti, jistgħu jiżdiedu aktar eżempji ta' tikketti fil-Gwida dwar l-Ittikkettar u l-Imballaġġ kif hemm suġġerit fil-premessa 11.

Emenda 303
Pietro Fiocchi

Proposta għal regolament
Anness I – paragrafu 1 – punt 3
Regolament (KE) Nru 1272/2008
Anness I – Parti 1 – Taqsima 1.2.1.5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
It-test fuq it-tikketta għandu jkollu l-karatteristiċi li ġejjin:	***imħassar***
(a) l-isfond tat-tikketta għandu jkun abjad;	
(b) id-distanza bejn żewġ linji għandha tkun ugwali għal jew aktar minn 120 % tad-daqs tat-tipa;	
(c) għandha tintuża tipa waħda li tkun tista' tinqara faċilment u mingħajr serifs;	
(d) l-ispazjar tal-ittri għandu jkun xieraq sabiex it-tipa magħżula tkun tista' tinqara b'mod komdu.	
	(Din il-modifika tapplika għat-test leġiżlattiv kollu li qed jiġi eżaminat; l-adozzjoni tal-emenda tirrikjedi adattamenti tekniċi fit-test kollu.)

Or. en

Ġustifikazzjoni

As noted in the ECHA Guidance on labelling and packaging in accordance with Regulation (EC) No 1272/2008 Version 4.2 March 2021 – "Readability is determined by the combination of font size, letter spacing, spacing between lines, stroke width, type colour, typeface, width-height ratio of the letters, the surface of the material and significant contrast between the print and the background."Overly prescriptive additional requirements regarding font size, distance between two lines and background colour are not justified and severely limit the

flexibility of suppliers. It is sufficient if the label or fold-out label is easily readable and clearly stand out from the background. In fact, the additional requirements would hinder the free movement of products in the Single Market, which in turn would entail an adjustment of logistics.

Emenda 304
João Albuquerque, Sara Cerdas

Proposta għal regolament
Anness I – paragrafu 1 – punt 3
Regolament (KE) Nru 1272/2008
Anness I – Parti 1 – Taqsima 1.2.1.5. – punt aa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(aa) ikun hemm kuntrast sinifikanti bejn it-test stampat u l-isfond;

Or. en

Emenda 305
João Albuquerque, Sara Cerdas

Proposta għal regolament
Anness I – paragrafu 1 – punt 3
Regolament (KE) Nru 1272/2008
Anness I – Parti 1 – Taqsima 1.2.1.5. – punt da (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(da) l-elementi tat-tikketti previsti skont l-Artikolu 18, 20 u 21 għandhom ikunu enfasizzati permezz ta' tip ta' karattri li jiddistingwihom b'mod ċar mill-bqija tat-test, pereżempju permezz tal-kulur jew tal-istil.

Or. en

Emenda 306
Pietro Fiocchi

Proposta għal regolament
Anness I – paragrafu 1 – punt 3
Regolament (KE) Nru 1272/2008
Anness I – Parti 1 – Taqsima 1.2.1.5 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Għat-tikkettar tal-imballaġġ ta' ġewwa fejn il-kontenut ma jaqbiżx l-10 ml, id-daqs tat-tipa jista' jkun iżgħar minn dak indikat fit-Tabella 1.3, sakemm ikun jista' jibqa' jinqara minn persuna b'vista medja, fejn jitqies li huwa importanti li titqiegħed id-dikjarazzjoni tal-aktar periklu kritiku u fejn l-imballaġġ ta' barra jissodisfa r-rekwiżiti tal-Artikolu 17.	***imħassar***
	(Din il-modifika tapplika għat-test leġiżlattiv kollu li qed jiġi eżaminat; l-adozzjoni tal-emenda tirrikjedi adattamenti tekniċi fit-test kollu.)

Or. en

Ġustifikazzjoni

As noted in the ECHA Guidance on labelling and packaging in accordance with Regulation (EC) No 1272/2008 Version 4.2 March 2021 – "Readability is determined by the combination of font size, letter spacing, spacing between lines, stroke width, type colour, typeface, width-height ratio of the letters, the surface of the material and significant contrast between the print and the background. "Overly prescriptive additional requirements regarding font size, distance between two lines and background colour are not justified and severely limit the flexibility of suppliers. It is sufficient if the label or fold-out label is easily readable and clearly stand out from the background. In fact, the additional requirements would hinder the free movement of products in the Single Market, which in turn would entail an adjustment of logistics.

Emenda 307
Nicola Procaccini, Pietro Fiocchi

Proposta għal regolament
Anness I – paragrafu 1 – punt 4a (ġdid)
Regolament (KE) Nru 1272/2008
Anness I – Parti I – Taqsima 1.3.7.a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(4a) fil-Parti 1 tal-Anness I, tiżdied it-Taqsima 1.3.7.a:
	1.3.7.a Taħlitiet maħsuba biex jinġibdu man-nifs permezz ta' sigaretti elettroniċi u li jinsabu fil-kontenituri tar-rikarika

L-elementi tat-tikketta msemmijin fl-Artikolu 17(1) għandhom jidhru biss fl-imballaġġ estern tas-sigaretti elettroniċi li jistgħu jintremew u tal-iskratać li jintużaw darba. L-elementi msemmijin fl-Artikolu 17(1) (d) sa (g) għandhom japplikaw biss jekk it-taħlita ta' ġewwa tkun ikklassifikata bħala li għandha proprjetajiet ta' sensitizzazzjoni respiratorja u/jew tossiċità mill-inalazzjoni. Dan jgħodd għaldaqstant għall-applikazzjoni tal-Artikoli 48 u 48a.

Għall-konteniturі tar-rikarika, l-elementi tat-ttikketta msemmijin fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 17(2) għandhom jidhru skont it-taqsimiet 1.5.1 u 1.5.2 tal-Anness I. Ma għandhiex tintuża tikketta li tintrabat.

Or. en

Emenda 308
Pietro Fiocchi

Proposta għal regolament
Anness I – paragrafu 1 – punt 4a (ġdid)
Regolament (KE) Nru 1272/2008
Anness I – Parti I – Taqsima 1.3.7.a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(4a) fil-punt 1 tal-Anness I, tiżdied it-Taqsima 1.3.7.a:
	1.3.7.a B'deroga mill-Artikolu 5(3), is-sustanzi idrokarburiċi b'aktar minn kostitwent wieħed, impurità waħda jew additttiv wieħed, jistgħu jiġu kklassifikati bl-użu tad-data affidabbli dwar is-sustanza jew il-kostitwenti kompluti disponibbli skont approċċ ibbażat fuq il-piż tal-evidenza skont ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 (Anness XI, taqsima 1.5 Raggruppament ta' sustanzi u approċċ ta' read-across).

Or. en

Emenda 309
Martin Hojsík, Billy Kelleher, María Soraya Rodríguez Ramos, Michal Wiezik, Susana Solís Pérez

Proposta għal regolament
Anness I – paragrafu 1 – punt 9
Regolament (KE) Nru 1272/2008
Anness I – Parti 1 – Taqsima 1.5.2.4.1. – punt b – punt iva (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(iva) Ħsara/irritazzjoni serja lill-għajnejn, kategorija 1;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din iż-żieda ttejjeb il-livell ta' protezzjoni minima għas-sikurezza tal-konsumaturi, li għandha tkun garantita jkun xi jkun il-volum tal-imballaġġ.

Emenda 310
Martin Hojsík, Billy Kelleher, María Soraya Rodríguez Ramos, Michal Wiezik, Susana Solís Pérez

Proposta għal regolament
Anness I – paragrafu 1 – punt 9
Regolament (KE) Nru 1272/2008
Anness I – Parti 1 – Taqsima 1.5.2.4.1 – punt b – punt va (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(va) Sensitizzazzjoni tal-ġilda, kategorija 1 (subkategoriji 1A u 1B);

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din iż-żieda ttejjeb il-livell ta' protezzjoni minima għas-sikurezza tal-konsumaturi, li għandha tkun garantita jkun xi jkun il-volum tal-imballaġġ.

Emenda 311
Martin Hojsík, Billy Kelleher, María Soraya Rodríguez Ramos, Michal Wiezik, Susana Solís Pérez

Proposta għal regolament
Anness II – paragrafu 1 – punt -1 (ġdid)
Regolament (KE) Nru 1272/2008
Anness II – Parti 3 – Taqsima 3.1.1.1

Test fis-seħħ	*Emenda*
	-1. fil-Parti 3 tal-Anness II, il-punt 3.1.1.1. ***huwa emendat kif ġej:***
3.1.1.1.Imballaġġ ta' kwalunkwe kapaċità li fih sustanza jew taħlita fornuta lill-pubbliku ġenerali u kklassifikata għat-tossiċità akuta, kategoriji 1 sa 3, STOT – espożizzjoni waħda kategorija 1, – STOT espożizzjoni ripetuta kategorija 1, jew korrużjoni tal-ġilda kategorija 1 għandhom ikunu mgħammra bi qfieli reżistenti għat-tfal.	"***3.1.1.1.*** Imballaġġ ta' kwalunkwe kapaċità li fih sustanza jew taħlita fornuta lill-pubbliku ġenerali u kklassifikata għat-tossiċità akuta, kategoriji 1 sa 3, STOT – espożizzjoni waħda kategorija 1, – STOT espożizzjoni ripetuta kategorija 1, jew korrużjoni tal-ġilda kategorija 1***, jew ħsara serja lill-għajnejn kategorija 1*** għandhom ikunu mgħammra bi qfieli reżistenti għat-tfal.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din iż-żieda hija neċessarja biex titjieb il-protezzjoni ta' saħħet it-tfal.

Emenda 312
João Albuquerque, Sara Cerdas

Proposta għal regolament
Anness II – paragrafu 1 – punt -1 (ġdid)
Regolament (KE) Nru 1272/2008
Anness II – Parti 3 – Taqsima 3.1.1.1

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(-1) fil-Parti 3 tal-Anness II, it-Taqsima 3.1.1.1 hija sostitwita b'dan li ġej:
Imballaġġ ta' kwalunkwe kapaċità li fih sustanza jew taħlita fornuta lill-pubbliku ġenerali u kklassifikata għat-tossiċità akuta, kategoriji 1 sa 3, STOT – espożizzjoni waħda kategorija 1, – STOT espożizzjoni ripetuta kategorija 1, jew korrużjoni tal-ġilda kategorija 1 għandhom ikunu mgħammra bi qfieli reżistenti għat-	"Imballaġġ ta' kwalunkwe kapaċità li fih sustanza jew taħlita fornuta lill-pubbliku ġenerali u kklassifikata għat-tossiċità akuta, kategoriji 1 sa 3, STOT – espożizzjoni waħda kategorija 1, – STOT espożizzjoni ripetuta kategorija 1, jew korrużjoni tal-ġilda kategorija 1***, jew ħsara serja lill-għajnejn kategorija 1*** għandhom

tfal.	ikunu mgħammra bi qfieli reżistenti għat-tfal.*”*

Or. en

Emenda 313
Martin Hojsík, Billy Kelleher, María Soraya Rodríguez Ramos, Michal Wiezik, Susana Solís Pérez

Proposta għal regolament
Anness II – paragrafu 1 – punt -1a (ġdid)
Regolament (KE) Nru 1272/2008
Anness II – Parti 3 – Taqsima 3.2.1.

Test fis-seħħ	*Emenda*
	-1a. fil-Parti 3 tal-Anness II, it-Taqsima 3.2.1. hija sostitwita b'dan li ġej:
3.2.1. Imballaġġ li għandu jiġi mgħammar bi twissija ***li tintmess***	***“3.2.1.*** Imballaġġ li għandu jiġi mgħammar bi twissija ***tattili***
Fejn sustanzi jew ***taħlitiet*** huma fornuti lill-pubbliku ġenerali u klassifikati ***għat-tossiċità*** akuta, ***il-korrużjoni*** tal-ġilda, ***il-bidla fil-proċess taċ-ċelloli tal-mikrobi*** kategorija 2, ***il-karċinoġeniċità*** kategorija 2, ***it-tossiċità riproduttiva*** kategorija 2,***is-sensibbilità*** respiratorja***,*** jew STOT***,*** kategoriji 1 ***u*** 2, ***periklu tan-nifs,*** jew gassijiet, likwidi ***u solidi*** li ***jaqbdu fil-kategoriji*** 1 ***u*** 2, l-imballaġġ ta' kwalunkwe kapaċità, għandhom jiġu mgħammra ***b'twissija ta'periklu li tintmess***.	***Meta s-sustanzi*** jew ***it-taħlitiet*** huma fornuti lill-pubbliku ġenerali u klassifikati ***għall-periklu ta' tossiċità*** akuta, ***korrożjoni/irritazzjoni*** tal-ġilda, ***ħsara/irritazzjoni serja lill-għajnejn, interferenza mas-sistema endokrinali għas-saħħa tal-bniedem*** kategorija ***2, interferenza mas-sistema endokrinali għall-ambjent, kategorija*** 2, ***mutaġeniċità għaċ-ċelloli ġerminali*** kategorija ***2, karċinoġeniċità kategorija*** 2, ***tossiċità għar-riproduzzjoni*** kategorija 2, ***sensitizzazzjoni*** respiratorja jew ***tal-ġilda,*** STOT kategoriji 1 ***jew*** 2, ***jew bħala perikoluż f'każ ta' aspirazzjoni*** jew ***bħala*** gassijiet ***li jaqbu n-nar***, likwidi li ***jaqdu n-nar kategoriji*** 1 ***jew*** 2 ***jew solidi li jaqbdu***, l-imballaġġ ta' kwalunkwe kapaċità, għandhom jiġu mgħammra ***bi twissija tattili ta' periklu***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

It-twissijiet tattili għandhom jiġu aġġornati, bi qbil ma' artikoli oħra, bil-għan li jiġi żgurat livell suffiċjenti ta' protezzjoni tas-saħħa tal-persuni b'diżabbiltà.

Emenda 314
João Albuquerque, Sara Cerdas

Proposta għal regolament
Anness II – paragrafu 1 – punt -1a (ġdid)
Regolament (KE) Nru 1272/2008
Anness II – Parti 3 – Taqsima 3.2.1.1

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(-1a) fil-Parti 3 tal-Anness II, it-Taqsima 3.2.1.1 hija sostitwita b'dan li ġej:
Fejn sustanzi jew ***taħlitiet*** huma fornuti lill-pubbliku ġenerali u klassifikati ***għat-tossiċità*** akuta, ***il-korrużjoni*** tal-ġilda, ***il-bidla fil-proċess taċ-ċelloli tal-mikrobi*** kategorija 2, ***il-karċinoġeniċità*** kategorija 2, ***it-tossiċità riproduttiva*** kategorija 2,***is-sensibbilità*** respiratorja***,*** jew ***STOT***, kategoriji 1 ***u*** 2, ***periklu tan-nifs,*** jew gassijiet, likwidi ***u solidi*** li ***jaqbdu fil-kategoriji*** 1 ***u*** 2, l-imballaġġ ta' kwalunkwe kapaċità, għandhom jiġu mgħammra ***b'twissija*** ta' periklu ***li tintmess***.	***"Meta s-sustanzi*** jew ***it-taħlitiet*** huma fornuti lill-pubbliku ġenerali u klassifikati ***għall-periklu ta' tossiċità*** akuta, ***korrożjoni/irritazzjoni*** tal-ġilda, ***ħsara/irritazzjoni serja lill-għajnejn, mutaġeniċità għaċ-ċelloli ġerminali*** kategorija ***2, karċinoġeniċità kategorija*** 2, ***tossiċità għar-riproduzzjoni*** kategorija ***2, interferenza mas-sistema endokrinali għas-saħħa tal-bniedem kategorija*** 2, ***interferenza mas-sistema endokrinali għall-ambjent*** kategorija 2, ***sensitizzazzjoni*** respiratorja jew ***tal-ġilda***, ***STOT*** kategoriji 1 ***jew*** 2, ***jew bħala perikoluża f'każ ta' aspirazzjoni*** jew ***bħala*** gassijiet ***li jaqbu n-nar***, likwidi li ***jaqdu n-nar kategoriji*** 1 ***jew*** 2 ***jew solidi li jaqbdu***, l-imballaġġ ta' kwalunkwe kapaċità, għandhom jiġu mgħammra ***bi twissija tattili*** ta' periklu.***"***

Or. en

Emenda 315
Martin Hojsík, Billy Kelleher, María Soraya Rodríguez Ramos, Michal Wiezik, Susana Solís Pérez

Proposta għal regolament
Anness II – paragrafu 1 – punt 1
Regolament (KE) Nru 1272/2008
Anness II – Parti 3 – Taqsima 3.4 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) tikketta titwaħħal sew fuq post	(b) tikketta titwaħħal sew fuq post

viżibbli tal-istazzjon ta' rikarika u b'tali daqs tat-tipa li tkun tista' tinqara faċilment u mingħajr serifs;	viżibbli tal-istazzjon ta' rikarika u b'tali daqs tat-tipa li tkun tista' tinqara faċilment u mingħajr serifs ***u titqieħed għad-dispożizzjoni mingħajr ħlas mill-fornituri***;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-fornituri għandhom jipprevedu stikers awtoadeżivi jew tikketti li jintrabtu biex jiżguraw lill-konsumaturi aċċess aġevolat għall-informazzjoni.

Emenda 316
João Albuquerque, Sara Cerdas

Proposta għal regolament
Anness II – paragrafu 1 – punt 1
Regolament (KE) Nru 1272/2008
Anness II – Parti 3 – Taqsima 3.4 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) tikketta titwaħħal sew fuq post viżibbli tal-istazzjon ta' rikarika u ***b'tali daqs tat-tipa li tkun tista' tinqara faċilment u mingħajr serifs***;	(b) tikketta titwaħħal sew fuq post viżibbli tal-istazzjon ta' rikarika u ***li tissodisfa r-rekwiżiti tal-Artikolu 31***;

Or. en

Emenda 317
João Albuquerque, Sara Cerdas

Proposta għal regolament
Anness II – paragrafu 1 – punt 1
Regolament (KE) Nru 1272/2008
Anness II – Parti 3 – Taqsima 3.4 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ba) tikketta konformi mar-rekwiżiti tal-Artikolu 31 tkun disponibbli, bla ħlas għall-konsumaturi, fl-istazzjon ta' rikarika fil-forma ta' stiker awtoadeżiv li jitwaħħal fuq il-kontenitur użat mill-konsumatur. Jekk l-istazzjonijiet ta' rikarika jfornu diversi sustanzi jew taħlitiet, it-tikketti għandhom jidentifikaw b'mod sempliċi u ċar għal liema sustanza

jew taħlita fornuta mill-istazzjon ta' rikarika jikkorrispondu.

Or. en

Emenda 318
Pietro Fiocchi

Proposta għal regolament
Anness II – paragrafu 1 – punt 1
Regolament (KE) Nru 1272/2008
Anness II – Parti 3 – Taqsima 3.4 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) il-mili żejjed tal-imballaġġ ikun ***teknikament evitat***;	(e) il-mili żejjed tal-imballaġġ ikun ***impedit b'mezzi tekniċi jew organizzattivi; (f) l-introduzzjoni ta' sustanza jew taħlita f'imballaġġi mhux adattati hija impedita b'mezzi tekniċi jew organizzattivi***; *(Din il-modifika tapplika għat-test leġiżlattiv kollu li qed jiġi eżaminat; l-adozzjoni tal-emenda tirrikjedi adattamenti tekniċi fit-test kollu.)*

Or. en

Ġustifikazzjoni

Dan hu settur li qiegħed jiżviluppa u l-operaturi ekonomiċi, b'mod partikolari l-SMEs, għandhom ikunu jistgħu jkunu innovattivi, jużaw sistemi differenti u jkomplu jippromwovu, jużaw u jadattaw is-sistemi eżistenti.

Emenda 319
Pietro Fiocchi

Proposta għal regolament
Anness II – paragrafu 1 – punt 1
Regolament (KE) Nru 1272/2008
Anness II – Parti 3 – Taqsima 3.4 – punt ii

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(ii) Tossiċità speċifika għall-organi fil-mira – Esponiment uniku, il-kategoriji 1***, 2*** u ***3***;	(ii) Tossiċità speċifika għall-organi fil-mira – Esponiment uniku, il-kategoriji 1 u ***2***;

(Din il-modifika tapplika għat-test leġiżlattiv kollu li qed jiġi eżaminat; l-adozzjoni tal-emenda tirrikjedi adattamenti tekniċi fit-test kollu.)

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-inklużjoni tal-kategorija 3 mhijiex xierqa billi tirrigwarda effetti reversibbli minuri u ma tirrappreżentax riskju sinifikanti.

Emenda 320
Martin Hojsík, Billy Kelleher, María Soraya Rodríguez Ramos, Michal Wiezik, Susana Solís Pérez

Proposta għal regolament
Anness II – paragrafu 1 – punt 1
Regolament (KE) Nru 1272/2008
Anness II – Parti 3 – Taqsima 3.4 – punt iv (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(iva) Ħsara/irritazzjoni serja lill-għajnejn, kategorija 1;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din iż-żieda ttejjeb il-livell ta' protezzjoni minima għas-sikurezza tal-konsumaturi, li għandha tkun garantita jkunu xi jkunu l-mezzi tal-imballaġġ.

Emenda 321
João Albuquerque, Sara Cerdas

Proposta għal regolament
Anness II – paragrafu 1 – punt 1
Regolament (KE) Nru 1272/2008
Anness II – Parti 3 – Taqsima 3.4 – punt iva (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(iva) Ħsara/irritazzjoni serja lill-għajnejn, kategorija 1;

Or. en

Emenda 322
Martin Hojsík, Billy Kelleher, María Soraya Rodríguez Ramos, Michal Wiezik, Susana Solís Pérez

Proposta għal regolament
Anness II – paragrafu 1 – punt 1
Regolament (KE) Nru 1272/2008
Anness II – Parti 3 – Taqsima 3.4 – punt va (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(va) Sensitizzazzjoni tal-ġilda, kategorija 1 (subkategoriji 1A u 1B);

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din iż-żieda ttejjeb il-livell ta' protezzjoni minima għas-sikurezza tal-konsumaturi, li għandha tkun garantita jkunu xi jkunu l-mezzi tal-imballaġġ.

Emenda 323
João Albuquerque, Sara Cerdas

Proposta għal regolament
Anness II – paragrafu 1 – punt 1
Regolament (KE) Nru 1272/2008
Anness II – Parti 3 – Taqsima 3.4 – punt va (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(va) Sensitizzazzjoni tal-ġilda, kategorija 1 (subkategoriji 1A u 1B);

Or. en

Emenda 324
Pietro Fiocchi

Proposta għal regolament
Anness II – paragrafu 1 – punt 2
Regolament (KE) Nru 1272/2008
Anness II – Parti 5 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Għal sustanza jew taħlita fornuta fi stazzjon ta' ***rikarika*** u ppumpjata	***"Għal*** sustanza jew taħlita fornuta fi stazzjon ta' ***servizz tal-ffjuwils*** u ppumpjata

direttament f'reċipjent ***li jifformaparti integrali minn vettura u minn fejn is-sustanza jew it-taħlita normalment ma tkunx maħsuba li titneħħa,*** l-elementi tat-tikketta ***msemmija fl-Artikolu 17*** għandhom jiġu pprovduti fuq il-pompa rispettiva***;***	direttament f'reċipjent***, dawn*** l-elementi tat-tikketta ***li ġejjin*** għandhom jiġu pprovduti fuq ***u maġenb*** il-pompa rispettiva***:***
	l-identifikatur tal-prodott relatat mas-sustanza, l-isem kummerċjali jew id-deskrizzjoni tat-taħlita;
	il-pittogramma ta' periklu;
	id-dikjarazzjonijiet ta' periklu u ta' prekawzjoni;
	il-kelma bħala sinjal.
	L-istazzjonijiet ta' servizz tal-ffuwils ma għandhomx jitqiesu stazzjonijiet ta' rikarika fis-sens tal-Anness II, parti 3.4."
	(Din il-modifika tapplika għat-test leġiżlattiv kollu li qed jiġi eżaminat; l-adozzjoni tal-emenda tirrikjedi adattamenti tekniċi fit-test kollu.)

Or. en

Ġustifikazzjoni

Nippropponu l-użu ta' "stazzjon ta' servizz tal-ffuwils" u ż-żieda ta' sentenza biex issir distinzjoni ċara bejn ir-rekwiżiti skont l-Anness II, Parti 5, għall-ffuwils u l-prodotti bl-ingrossa mibjugħin l-oħra fl-istazzjonijiet ta' servizz tal-ffuwils u r-rekwiżiti għall-istazzjonijiet ta' rikarika msemmijin fl-Anness II, Parti 3.4 (ġdida). Il-modifiki proposti se jippermettu li jitkompla l-bejgħ bl-ingrossa ta' ffuwils għall-mili ta' jerrycans jew kontenituri akbar oħrajn, pereżempju użati mill-bdiewa.

Emenda 325
Anna Zalewska

Proposta għal regolament
Anness IIa (ġdid)
Regolament (KE) Nru 1272/2008
Anness VI – Parti 2

Test fis-seħħ	*Emenda*
	Fl-Anness V, il-Parti 2 hija sostitwita b'dan li ġej:

2. PARTI 2: DOSSIERS GĦALL-KLASSIFIKAZZJONI U ***TIKKETTAR*** ARMONIZZATI

Din il-Parti tistabbilixxi l-prinċipji ġenerali għall-preparazzjoni ta' dossiers biex jiġu proposti u ġġustifikati l-klassifikazzjoni u t-tikkettar armonizzati. Il-partijiet rilevanti tat-taqsimiet 1, 2 u 3 ***ta' l-Anness*** I għar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 għandhom jiġu użati għall-metodoloġija u l-format ta' kwalunkwe dossier. Għad-dossiers kollha kwalunkwe informazzjoni rilevanti mid-dossiers tar-reġistrazzjoni għandha tkun ikkunsidrata u tista' tiġi użata informazzjoni oħra disponibbli. Għall-informazzjoni ta' periklu li ma ġietx ippreżentata qabel lill-Aġenzija, għandu jiġi inkluż studju miġbur fid-dossier. Dossier għall-klassifikazzjoni u ***tikkettar armonizzatigħandu*** jkun fiha l-informazzjoni li ġejja:

—Il-propostaIl-proposta għandha tinkludi l-identità tas-sostanza jew sostanzi konċernati u l-klassifikazzjoni u t-tikkettar armonizzati proposti.

—Ġustifikazzjoni għall-klassifikazzjoni u t-tikkettar armonizzati ***propostiParagun ta' l-informazzjoni*** disponibbli mal-kriterji li hemm fil-Partijiet 2 sa 5, b'kunsiderazzjoni tal-prinċipji ġenerali fil-Parti 1, ***ta' l-Anness*** I għal dan ir-Regolament għandu jiġi komplut u dokumentat fil-format stabbilit fil-Parti B tar-Rapport tas-Sikurezza tal-Kimiċi fl-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 1907/2006.

—Ġustifikazzjoni ta' effetti oħra fuq livell KomunitarjuGħal effetti oħra barra karċinoġenità, mutaġenità, tossiċità għar-riproduzzjoni u***, sensitizzazzjoni respiratorja għandha tiġi provduta ġustifikazzjoni li hemm bżonn ta' azzjoni murija*** fuq ***livell Komunitarju. Dan ma japplikax għal sustanzi attivi skond it-tifsira tad-Direttiva 91/414/KEE jew tad-Direttiva 98/8/KE***.

'2. PARTI 2: DOSSIERS GĦALL-KLASSIFIKAZZJONI U ***GĦAT-TIKKETTAR*** ARMONIZZATI

Din il-Parti tistabbilixxi l-prinċipji ġenerali għall-preparazzjoni ta' dossiers biex jiġu proposti u ġġustifikati l-klassifikazzjoni u t-tikkettar armonizzati. Il-partijiet rilevanti tat-taqsimiet 1, 2 u 3 ***tal-Anness*** I għar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 għandhom jiġu użati għall-metodoloġija u l-format ta' kwalunkwe dossier. Għad-dossiers kollha kwalunkwe informazzjoni rilevanti mid-dossiers tar-reġistrazzjoni għandha tkun ikkunsidrata u tista' tiġi użata informazzjoni oħra disponibbli. Għall-informazzjoni ta' periklu li ma ġietx ippreżentata qabel lill-Aġenzija, għandu jiġi inkluż studju miġbur fid-dossier. Dossier għall-klassifikazzjoni u ***għat-tikkettar armonizzati għandu*** jkun fiha l-informazzjoni li ġejja:

—Il-proposta Il-proposta għandha tinkludi l-identità tas-sostanza jew sostanzi konċernati u l-klassifikazzjoni u t-tikkettar armonizzati proposti.

—Ġustifikazzjoni għall-klassifikazzjoni u t-tikkettar armonizzati ***proposti Paragun tal-informazzjoni*** disponibbli mal-kriterji li hemm fil-Partijiet 2 sa 5, b'kunsiderazzjoni tal-prinċipji ġenerali fil-Parti 1, ***tal-Anness*** I għal dan ir-Regolament għandu jiġi komplut u dokumentat fil-format stabbilit fil-Parti B tar-Rapport tas-Sikurezza tal-Kimiċi fl-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 1907/2006.

— Ġustifikazzjoni għar-raggruppament propost ta' sustanzi għall-klassifikazzjoni u t-tikkettar armonizzati proposti Meta ssir proposta għall-klassifikazzjoni u għat-tikkettar armonizzata għal grupp(i) ta' sustanzi, id-dossier għandu jinkludi ġustifikazzjoni xjentifika (ibbażata fuq valutazzjoni tad-data disponibbli dwar il-proprjetajiet fiżikokimiċi, ekotossikoloġiċi u tossikoloġiċi kif speċifikat fl-Anness XI (1.5) ta' REACH) bl-użu ta' approċċ tal-piż tal-evidenza, għall-raggruppament ta'

	sustanzi u għall-applikazzjoni ta' klassifikazzjoni simili.
	— Ġustifikazzjoni ta' effetti oħra fuq livell Komunitarju Għall-effetti l-oħra barra l-karċinoġeniċità, il-mutaġeniċità, it-tossiċità għar-riproduzzjoni u s-sensitizzazzjoni respiratorja għandha tiġi provduta ġustifikazzjoni li hemm bżonn ta' azzjoni murija fuq livell Komunitarju. Dan ma japplikax għal sustanzi attivi skont it-tifsira tad-Direttiva 91/414/KEE jew tad-Direttiva 98/8/KE.".
	Or. en

Emenda 326
João Albuquerque, Sara Cerdas

Proposta għal regolament
Anness IIa (ġdid)
Regolament (KE) Nru 1272/2008
Anness VI – Parti 2

Test fis-seħħ	*Emenda*
	Fl-Anness VI, il-Parti 2 hija sostitwita b'dan li ġej:
PARTI 2: DOSSIERS GĦALL-KLASSIFIKAZZJONI U ***TIKKETTAR*** ARMONIZZATI	***"PARTI*** 2: DOSSIERS GĦALL-KLASSIFIKAZZJONI U ***GĦAT-TIKKETTAR*** ARMONIZZATI
Din il-Parti tistabbilixxi l-prinċipji ġenerali għall-preparazzjoni ta' dossiers biex jiġu proposti u ġġustifikati l-klassifikazzjoni u t-tikkettar armonizzati.	Din il-Parti tistabbilixxi l-prinċipji ġenerali għall-preparazzjoni ta' dossiers biex jiġu proposti u ġġustifikati l-klassifikazzjoni u t-tikkettar armonizzati.
Il-partijiet rilevanti tat-taqsimiet 1, 2 u 3 ***ta' l-Anness*** I għar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 għandhom jiġu użati għall-metodoloġija u l-format ta' kwalunkwe dossier.	Il-partijiet rilevanti tat-taqsimiet 1, 2 u 3 ***tal-Anness*** I għar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 għandhom jiġu użati għall-metodoloġija u l-format ta' kwalunkwe dossier.
Għad-dossiers kollha kwalunkwe informazzjoni rilevanti mid-dossiers tar-reġistrazzjoni għandha tkun ikkunsidrata u tista' tiġi użata informazzjoni oħra disponibbli. Għall-informazzjoni ta' periklu li ma ġietx ippreżentata qabel lill-Aġenzija, għandu jiġi inkluż studju miġbur	Għad-dossiers kollha kwalunkwe informazzjoni rilevanti mid-dossiers tar-reġistrazzjoni għandha tkun ikkunsidrata u tista' tiġi użata informazzjoni oħra disponibbli. Għall-informazzjoni ta' periklu li ma ġietx ippreżentata qabel lill-Aġenzija, għandu jiġi inkluż studju miġbur

fid-dossier.

Dossier għall-klassifikazzjoni u ***tikkettar armonizzatigħandu*** jkun fiha l-informazzjoni li ġejja:

Il-propostaIl-proposta għandha tinkludi l-identità tas-sostanza jew sostanzi konċernati u l-klassifikazzjoni u t-tikkettar armonizzati proposti.

— Ġustifikazzjoni għall-klassifikazzjoni u ***t-tikkettar*** armonizzati proposti

Paragun ***ta' l-informazzjoni*** disponibbli mal-kriterji li hemm fil-Partijiet 2 sa 5, b'kunsiderazzjoni tal-prinċipji ġenerali fil-Parti 1, ***ta' l-Anness*** I għal dan ir-Regolament għandu jiġi komplut u dokumentat fil-format stabbilit fil-Parti B tar-Rapport tas-Sikurezza tal-Kimiċi fl-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 1907/2006.

— Ġustifikazzjoni ta' effetti oħra fuq livell Komunitarju

Għal effetti oħra barra ***karċinoġenità***, ***mutaġenità***, ***tossiċità*** għar-riproduzzjoni u, ***sensitizzazzjoni*** respiratorja għandha tiġi provduta ġustifikazzjoni li hemm bżonn ta' azzjoni murija fuq livell Komunitarju. Dan ma japplikax għal sustanzi attivi ***skond*** it-tifsira ***tad-Direttiva 91/414/KEE*** jew ***tad-Direttiva 98/8/KE***.

fid-dossier.

Dossier għall-klassifikazzjoni u ***għat-tikkettar armonizzati għandu*** jkun fiha l-informazzjoni li ġejja:

Il-proposta

Il-proposta għandha tinkludi l-identità tas-sostanza jew sostanzi konċernati u l-klassifikazzjoni u t-tikkettar armonizzati proposti.

— Ġustifikazzjoni għall-klassifikazzjoni u ***għat-tikkettar*** armonizzati proposti

Paragun ***tal-informazzjoni*** disponibbli mal-kriterji li hemm fil-Partijiet 2 sa 5, b'kunsiderazzjoni tal-prinċipji ġenerali fil-Parti 1, ***tal-Anness*** I għal dan ir-Regolament għandu jiġi komplut u dokumentat fil-format stabbilit fil-Parti B tar-Rapport tas-Sikurezza tal-Kimiċi fl-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 1907/2006.

— Ġustifikazzjoni ta' effetti oħra fuq livell Komunitarju

Għall-effetti l-oħra barra ***l-karċinoġeniċità***, ***il-mutaġeniċità***, ***it-tossiċità*** għar-riproduzzjoni***, l-interferenza endokrinali għas-saħħa tal-bniedem*** u ***għall-ambjent***, ***il-bijoakkumulabbiltà, il-persistenza u t-tossiċità (PBT), il-bijoakkumulabbiltà għolja u l-persistenza għolja (vPvB), il-persistenza, il-mobbiltà u t-tossiċità (PMT) u l-persistenza għolja u l-mobbiltà għolja (vPvM), u s-sensitizzazzjoni*** respiratorja għandha tiġi provduta ġustifikazzjoni li hemm bżonn ta' azzjoni murija fuq livell Komunitarju. Dan ma japplikax għal sustanzi attivi ***skont*** it-tifsira ***tar-Regolament (UE) Nru 1107/2009*** jew ***tar-Regolament (UE) Nru 528/2012***.***"***

Or. en

Emenda 327
Martin Hojsík, Billy Kelleher, María Soraya Rodríguez Ramos, Michal Wiezik, Susana Solís Pérez

Proposta għal regolament
Anness IIa (ġdid)
Regolament (KE) Nru 1272/2008
Anness VI – Parti 2

Test fis-seħħ	*Emenda*
	Fl-Anness V, il-Parti 2 hija sostitwita b'dan li ġej:
2. PARTI 2: DOSSIERS GĦALL-KLASSIFIKAZZJONI U ***TIKKETTAR*** ARMONIZZATI	***"2.*** PARTI 2: DOSSIERS GĦALL-KLASSIFIKAZZJONI U ***GĦAT-TIKKETTAR*** ARMONIZZATI
Din il-Parti tistabbilixxi l-prinċipji ġenerali għall-preparazzjoni ta' dossiers biex jiġu proposti u ġġustifikati l-klassifikazzjoni u t-tikkettar armonizzati.	Din il-Parti tistabbilixxi l-prinċipji ġenerali għall-preparazzjoni ta' dossiers biex jiġu proposti u ġġustifikati l-klassifikazzjoni u t-tikkettar armonizzati.
Il-partijiet rilevanti tat-taqsimiet 1, 2 u 3 ***ta' l-Anness*** I għar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 għandhom jiġu użati għall-metodoloġija u l-format ta' kwalunkwe dossier.	Il-partijiet rilevanti tat-taqsimiet 1, 2 u 3 ***tal-Anness*** I għar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 għandhom jiġu użati għall-metodoloġija u l-format ta' kwalunkwe dossier.
Għad-dossiers kollha kwalunkwe informazzjoni rilevanti mid-dossiers tar-reġistrazzjoni għandha tkun ikkunsidrata u tista' tiġi użata informazzjoni oħra disponibbli. Għall-informazzjoni ta' periklu li ma ġietx ippreżentata qabel lill-Aġenzija, għandu jiġi inkluż studju miġbur fid-dossier.	Għad-dossiers kollha kwalunkwe informazzjoni rilevanti mid-dossiers tar-reġistrazzjoni għandha tkun ikkunsidrata u tista' tiġi użata informazzjoni oħra disponibbli. Għall-informazzjoni ta' periklu li ma ġietx ippreżentata qabel lill-Aġenzija, għandu jiġi inkluż studju miġbur fid-dossier.
Dossier għall-klassifikazzjoni u ***tikkettar armonizzatigħandu*** jkun fiha l-informazzjoni li ġejja:	Dossier għall-klassifikazzjoni u ***għat-tikkettar armonizzati għandu*** jkun fiha l-informazzjoni li ġejja:
—Il-proposta	—Il-proposta
Il-proposta għandha tinkludi l-identità tas-sostanza jew sostanzi konċernati u l-klassifikazzjoni u t-tikkettar armonizzati proposti.	Il-proposta għandha tinkludi l-identità tas-sostanza jew sostanzi konċernati u l-klassifikazzjoni u t-tikkettar armonizzati proposti.
—Ġustifikazzjoni għall-klassifikazzjoni u ***t-tikkettar*** armonizzati proposti	—Ġustifikazzjoni għall-klassifikazzjoni u ***għat-tikkettar*** armonizzati proposti
Paragun ***ta' l-informazzjoni*** disponibbli mal-kriterji li hemm fil-Partijiet 2 sa 5, b'kunsiderazzjoni tal-prinċipji ġenerali fil-Parti 1, ***ta' l-Anness*** I għal dan ir-Regolament għandu jiġi komplut u	Paragun ***tal-informazzjoni*** disponibbli mal-kriterji li hemm fil-Partijiet 2 sa 5, b'kunsiderazzjoni tal-prinċipji ġenerali fil-Parti 1, ***tal-Anness*** I għal dan ir-Regolament għandu jiġi komplut u

dokumentat fil-format stabbilit fil-Parti B tar-Rapport tas-Sikurezza tal-Kimiċi fl-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 1907/2006.	dokumentat fil-format stabbilit fil-Parti B tar-Rapport tas-Sikurezza tal-Kimiċi fl-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 1907/2006.
—Ġustifikazzjoni ta' effetti oħra fuq livell Komunitarju	***Għad-dossier għall-klassifikazzjoni u għat-tikkettar armonizzati tal-gruppi ta' sustanzi, ġustifikazzjoni tar-raggruppament.***
Għal effetti oħra ***barra karċinoġenità, mutaġenità, tossiċità għar-riproduzzjoni u, sensitizzazzjoni respiratorja għandha tiġi provduta ġustifikazzjoni li hemm bżonn ta' azzjoni murija*** fuq livell Komunitarju***. Dan ma japplikax għal sustanzi attivi skond it-tifsira tad-Direttiva 91/414/KEE jew tad-Direttiva 98/8/KE.***	***—Ġustifikazzjoni ta'*** effetti oħra fuq livell Komunitarju ***Għal effetti oħra barra l-karċinoġeniċità, il-mutaġeniċità, it-tossiċità għar-riproduzzjoni u d-sensitizzazzjoni respiratorja għandha tiġi provduta ġustifikazzjoni li hemm bżonn ta' azzjoni murija fuq livell Komunitarju. Dan ma japplikax għal sustanzi attivi skond it-tifsira tad-Direttiva 91/414/KEE jew tad-Direttiva 98/8/KE."***
	Or. en

Emenda 328
Alexander Bernhuber

Proposta għal regolament
Anness III - paragrafu 1a (ġdid)
Regolament (KE) Nru 1272/2008
Anness VIII – Parti A – Taqsima 2.2a

Test fis-seħħ	*Emenda*
	Fl-Anness VIII, fil-parti A, it-Taqsima 2.2a għandha tiġi sostitwita b'dan li ġej:
Fil-każ ta' żebgħa personalizzata, dawk li jibagħtu t-tagħrif jistgħu, mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 25(8), jagħżlu li ma jressqux tagħrif u ma joħolqux Identifikatur Uniku tal-Formula f'konformità ma' dan l-Anness.	"Fil-każ ta' żebgħa personalizzata ***jew taħlitiet formulati fil-post***, dawk li jibagħtu t-tagħrif jistgħu, mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 25(8), jagħżlu li ma jressqux tagħrif u ma joħolqux Identifikatur Uniku tal-Formula f'konformità ma' dan l-

Anness.”

Or. en

Emenda 329
Alexander Bernhuber

Proposta għal regolament
Anness III - paragrafu 1
Regolament (KE) Nru 1272/2008
Anness VIII – Parti A, Taqsima 2.4 – subparagrafu 1 – punt 6a (ġdid)

Test fis-seħħ	*Emenda*
	Fl-Anness VIII, Parti A, it-Taqsima 2.4, għandu jiżdied il-punt 6a li ġej:
	“***6a. “taħlita formulata fil-post” tfisser taħlita formulata f’volumi inqas minn 10 ml maħluqa apposta għal konsumatur individwali jew utent professjonali fil-punt ta’ forniment.”***

Or. en